MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 280/2005/1

**Elmo Insurance Ltd bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Lawrence Hili u l-istess Lawrence Hili**

**vs**

**Connie Grech u b' digriet ta' l-1 ta' Marzu 2006 Patrick Camilleri gie msejjah bhala konvenut**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Jannar, 2007 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta Jannar 2005 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta tliet mija u sebgha u ghoxrin lira sitta u tmenin

centezmu (Lm327.86) rapprezentanti valur ta hsarat kagonati fil-vettura tal-attur numru DJN 123 meta fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta Lulju 2004 waqghu fuqha bicciet tal-irham mill-fond 14 St Paul street, Bormla.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 18 ta Novembru 2004 bl-imghax kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 17 ta Frar 2005 fejn ikkontestat ir-responsabbilita ghal hsara kagonata lill-atturi u dana peress li tallega li ghal tali danni ghandu jahti unikament certu Patrick Camilleri.

Illi l-istess Patrick Camilleri kien gie ordnat li jissejjah fil-kawza bhala parti a tenur ta digriet datat 1 ta Marzu 2006 u ghalkemm dan gie debitament notifikat bl-atti tal-kawza huwa baqa ma pprezenta ebda risposta.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi fit-30 ta Lulju 2004 mart l-attur irregistrat rapport mal-pulizija fuq hsara kagonata fil-vettura taghha minnhabba bicciet tal-gebel li sussegwentement irrizultaw li kienu bicciet tal-irham li waqghu fuqha. PC 85 Butters li rcieva r-rapport u li ra l-hsara b'ghajnejh ighid li huwa kien gie nfurmat ukoll li dawn x'aktarx kienu waqghu mill-faccata tal-fond okkupat mill-konvenuta. Gew debitament prodotti l-provi dokumentarji dwar il-valur tal-hsarat kagonati li wkoll gew ikkonfremati bil-gurament mix-xhud Mula ghalkemm madankollu ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni partikolari dwar il-kwantum.

Il-konvenuta tikkonferma li kienet qabdet lil Patrick Camilleri sabiex jaghmlilha xoghol tal-irham mal-

faccata tal-post mikri ghandha. Tikkonferma wkoll li darba minnhom sabet parti minn dan l-irham mhux f'postu u ratu fl-art mnejn gabritu. L-ghada stess li sabet l-irham mal-art kienet avvicinatha mara li staqsietha fuq x'kien gara mill-irham li waqa mill-faccata taghha u xi jiem wara tghid li rceviet l-interpellanza mill-assikurazzjoni attrici. Tghid ukoll li dan l-irham kien twahhal minn Camilleri fuq struzzjonijiet taghha xi tliet snin qabel l-incident. Ikkonfermat ukoll li l-vettura tal-attur kienet parkeggjata quddiem id-dar taghha u li kienet intlaqtet mill-irhama taghha.

Illi in vista tal-provi migjuba partikolarment ix-xhieda moghtija mill-istess konvenuta ma hemmx dubbju li gie ppruvat li l-hsara kagonata fil-vettura tal-attur sehhet minnhabba l-irhama li waqghet mill-faccata tad-dar okkupata mill-konvenuta liema rhama rrizulta li kienet twahhlet fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuta xi tliet snin qabel. Illi ghalhekk fil-konfront tal-atturi ghandha tkun il-konvenuta biss li tista twiegeb ghall-akkadut ghalkemm ghandu jibqa inpreguduikat id-dritt taghha ta azzjoni kontra s-sur Camilleri fuq il-kwalita tax-xoghol tieghu. Certament f'dawn il-proceduri ma ngiebet ebda prova konkreta dwar il-kwalita ta xoghol mahdum minn Camilleri u jekk l-irhama waqghetx jew le per konsegwenza ta xoghol hazin, mhux skond is-sengha u l-arti adoperat minn Camilleri.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, kwindi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Connie Grech thallas lill-atturi s-somma rikjesta ta tliet mija u sebgha u ghoxrin lira sitta u tmenin centezmu (Lm327.86) bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-istess konvenuta."

Bl-appell taghha minn din is-sentenza l-konvenuta tintroduci l-ilment illi l-konkluzjoni tat-Tribunal ma tirrespekkjax l-elementi tar-responsabilita kif inkorporata fl-Artikoli 1029 u 1031 tal-Kodici Civili;

Fit-twegiba taghhom l-atturi jissollevaw il-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` tad-decizjoni bis-sosttomissjoni illi l-appell ma kienx jirrientra fl-ipotesijiet tal-ligi kkontemplati fis-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 dwar liema hu akkordat id-dritt ta' l-appell;

Mill-attijiet tal-kawza huwa immedjatament eskluz id-dispost tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 8, trattasi ta' talba f' ammont inferjuri ghal hames mitt lira (Lm500). Huma eskluzi wkoll is-subparagrafi (a), (b) u (c) tas-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu 8, ghar-raguni evidenti illi l-aggravju ma jinsab artikolat fuq ebda wiehed minnhom. Ugwalment, kull kwestjoni ta' imparzjalita` ghax dwarha ma tqanqal ebda gravam. Jikkonsegwi illi l-Qorti trid, allura, tara u tistharreg jekk it-Tribunal, b' mod gravi, marx kontra d-dettami ta' l-ekwita skond il-ligi dwar liema jirreferi s-subparagrafu (d) tal-precitat dispost. Forsi aktar minn dan, il-Qorti trid tezamina jekk it-Tribunal injorax il-principju elementari tad-dritt ghall-fattispeci, anke ghaliex, kif kawtelat, "it-Tribunal, anke jekk ghab-bazi ta' l-ekwita`, ma ghandux dritt li jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu ("**Blye Engineering Co. Ltd -vs- Vincent Caruana**", Appell, 27 ta' Ottubru 2000). Wisq naturali f' dan l-ezercizzju l-Qorti trid dejjem toqghod attenta, tenut qies tal-limiti stretti akkonsentiti ghad-dritt ta' appell minn sentenzi tat-Tribunal, illi taht il-pretest ta' allegat ksur, jew injorar, tal-ligi u dak tad-dritt ekwitattiv ma jkunx qed jigi ritwalment ammess appell dwar sindakar tal-valutazzjoni tal-provi, fejn dan mhux permessibbli. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu, kif drabi ohra mtenni, u li jikkonvjeni jigi mfakkar, il-gudizzju tat-Tribunal skond l-ekwita [Artikolu 7 (1), Kapitolu 380] jimplika valutazzjoni libera u elastika, anke jekk necessarjament wahda prudenti, li tikkonsenti lill-gudikatur li jiddevja mir-rigur tas-

*summum jus* in relazzjoni ghall-elementi partikolari tal-kaz u li jhossu zvinkolat mill-osservanza rigoruza ta' certi normi ta' dritt.  Ara "**Rita Bihiga -vs- Adrian Busuttil**", decizjoni minn din il-Qorti, kif presjeduta, fl-1 ta' Novembru 2006;

Premessa din l-introduzzjoni, il-fatti fil-qosor estratti mill-materjal probatorju jipprovdu dan il-kwadru.  Il-vettura ta' l-assigurat tal-kumpanija attrici ssubiet danni meta waqghu fuqha bicciet ta' rham mill-faccata tad-dar lokata lill-konvenuta u li fil-vicinanzi taghha kienet ipparkeggjata l-istess vettura.  Il-konvenuta appellanti rrezistiet it-talba ghar-rizarciment tad-danni fuq l-assunt illi x-xoghol ta' l-irham mal-koxxa tal-bieb u mad-dawra tat-tieqa ma kienetx ghamlithom hi imma haddiehor ghalkemm fuq inkarigu u kif kummissjonat minnha;

Riferibilment ghall-imputazzjoni tad-dannu jezistu taht il-Kodici Civili taghna regoli generali ta' responsabilita ghall-fatt kolpuz jew doluz, ahjar statwiti fl-Artikoli 1031 u 1032 (1) ta' dan l-istess Kodici.  Jezistu wkoll certi normi specjali fejn il-ligi tohloq il-presunzjoni tal-htija u dik tar-responsabilita oggettiva [ad ezempju, ir-responsabilita ta' sid annimal (Artikolu 1040) imma dawn strettament ma jikkoncernawx il-kaz prezenti;

Indubbjament, il-konvenuta kienet responsabbli, anke bhala inkwilina, specjalment fejn hi stess tkun introduciet fil-fond mikri innovazzjonijiet u modifiki, anke jekk estetici, li tassikura bl-ezercizzju ta' dak id-dmir ta' kontroll u vigilanza necessarja illi l-fond minnha godut ikun sew mantenut.  Dan anke ghaliex il-poter materjali tal-fond hu f' idejha u hu allura aspettat minnha li hi tadopera dawk il-mizuri u prekawzjonijiet okkorreti, mhux biss ghall-ahjar harsien tal-fond innifsu, imma wkoll biex jigi skansat jew evitat dannu lill-hwejjeg haddiehor.  Wisq ragonevolment tali mizuri u kontroll jirrientaw fil-parametri ta' dik l-ordinarja prudenza, diligenza u ta' l-imgieba *uti bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici

Civili. Dan hu sew senjalat anke mill-awturi moderni l-aktar akkreditati. Hekk l-awtorevoli awtur **Massimo Franzoni** (“**Le Obbligazioni da fatto illecito**”, Edizione Utet, 2004) jorbot l-ezercizzju tad-diligenza ma’ dik ta’ l-attenzjoni “*nei confronti dell’ altrui sfera giuridica*” u dik ta’ l-adozzjoni ta’ kondotta positiva, attenta u okulata. Jinsistu, imbaghad, l-awturi **Cafaggi - Iamiceli** (“**La Colpa nella responsabilita` civile**”, Candon, 1998, p 215) illi d-diligenza ghandha tattjieni ruhha b’ tali mod li tinfluwixxi “*sul versante della prevenzione piu` che su quello della previsione del rischio*”;

Mill-perspettiva ta’ l-oneru tal-provi hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi s-socjeta` assiguratrici appellata rnexxielha tiddemostra n-*nexus* ta’ kawza u effett bejn il-waqgha tal-bicciet ta’ rham mill-faccata tal-fond ta’ l-attrici u d-danni sofferti mill-assigurat taghha fil-vettura tieghu. Jekk wiehed joqghod imbaghad fuq dak depost mill-appellanti nnifisha l-addebitu tal-kolpa jidher skontat. Hi stess tammetti fuq kliem certu Lorry, inkarigat minnha biex jirrimwovi l-kumplament ta’ l-irham, illi l-bazi li fuqhom kienu jappoggjaw l-irhamiet ma kienetx adegwata. Fl-istess waqt li tammetti dan, hi tonqos, imbaghad, milli sodisfacentement iggib il-prova liberatorja illi d-dannu sehh tort tan-nuqqas ta’ hila tal-kuntrattur imqabbad minnha jew li dak li sehh kien dovut ghal dik l-accidentalita u tal-fatt estern u inevitabbli li jgibu n-nuqqas ta’ kolpa skond l-Artikolu 1029 Kodici Civili. L-appellanti naqset li tipproduci l-imsemmi Lorry bhala xhud taghha u naqset ukoll milli ggib dik il-prova univoka, konkreta u konklussiva biex il-htija tigi addossata minflok fuq l-imsejjah fil-kawza. Huwa eskluz imbaghad kemm setghet l-appellanti tiskansa ruhha mir-responsabilita` fit-termini tal-provvedimenti tal-ligi in bazi ghall-assunt illi hi ma kienetx xjenti mill-vizzju fil-lavorazzjoni ghax kienu jonqsu s-sintomi li jindikawlha dan;

Il-kriterju ta’ imputazzjoni jezisti mis-sussistenza ta’ sitwazjoni ta’ dritt, ossija dik tad-detenzjoni mill-appellanti tal-fond u tan-nuqqas tad-diligenza kkummentata *supra*.

Meta hekk inhu l-kaz l-appellanti ma tistax tippretendi li tista' tistahba wara l-fatt tat-terz jew dik tal-kaz fortuwitu;

Il-Qorti addentrat ruhha fuq it-tematika mhux ghaliex kellha ghalfejn, gjaladarba wkoll l-appellanti illimitat ruhha bl-aggravju minnha sottomess ghal generalizzar tal-principju tad-dritt u xejn aktar minn hekk. Ghamlitu biss biex turi li fil-kwadru generali tal-provi dedotti l-appell ma huwiex lanqas guridikament sostenibbli fuq il-bazi ta' l-obbjezzjoni taghha ghas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------